# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 6/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/75/KE tal-24 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tinkludi d-diossidu tal-karbonju bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/77/KE tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l- bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/78/KE tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l- bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/79/KE tat-28 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-IPBC bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [5] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Direttiva tal-Kummissjoni 2008/80/KE tat- 28 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-melħ tal-potassju tas-cyclohexylhydroxydiazene 1-oxide (K-HDO) bħala sustanza attiva fl-Anness I [6] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/81/KE tad-29 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi d- bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [7] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li jmiss għandu jiżdied mal-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim:

"— **32008 L 0075**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/75/KE tal-24 ta' Lulju 2008 (ĠU L 197, 25.7.2008, p. 54),

— **32008 L 0077**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/77/KE tal-25 ta' Lulju 2008 (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 41),

— **32008 L 0078**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/78/KE tal-25 ta' Lulju 2008 (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 44),

— **32008 L 0079**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/79/KE tat-28 ta' Lulju 2008 (ĠU L 200, 29.7.2008, p. 12),

— **32008 L 0080**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/80/KE tat-28 ta' Lulju 2008 (ĠU L 200, 29.7.2008, p. 15),

— **32008 L 0081**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/81/KE tad-29 ta' Lulju 2008 (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 46)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2008/75/KE, 2008/77/KE 2008/78/KE, 2008/79/KE u 2008/80/KE u Deċiżjoni 2008/81/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 30.
[2] ĠU L 197, 25.7.2008, p. 54.
[3] ĠU L 198, 26.7.2008, p. 41.
[4] ĠU L 198, 26.7.2008, p. 44.
[5] ĠU L 200, 29.7.2008, p. 12.
[6] ĠU L 200, 29.7.2008, p. 15.
[7] ĠU L 201, 30.7.2008, p. 46.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.